



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2013/2195(DEC)

11.2.2014

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, Taqsima III – Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi
(2013/2195(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: María Muñiz De Urquiza

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-Kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jisħaq fuq il-fatt li r-riżorsi tal-Unjoni jridu jiġu ġestiti f'konformità mal-prinċipji ta' trasparenza u governanza tajba; jinnota li l-Qorti tal-Awdituri sabet li ż-żieda fir-rata tal-iżbalji materjali fl-Intestatura 4 għas-sena finanzjarja 2012 hija dovuta għal tibdil fl-approċċ għall-kampjunar li issa jinkludi l-approvazzjoni tal-ħlasijiet bil-quddiem li jkunu saru s-sena ta' qabel;
2. Jappoġġa r-rakkomandazzjoni sħiħa tal-Qorti tal-Awdituri rigward l-Intestatura 4, b'mod partikolari għat-titjib tas-sistemi ta' supervizzjoni u kontroll f'dak li għandu x'jaqsam mal-approvazzjoni tal-ħlasijiet bil-quddiem, filwaqt li jfakkar li l-assistenza esterna tal-Unjoni hija implimentata parzjalment minn entitajiet esterni għall-Unjoni, spiss taħt kundizzjonijiet diffiċli, inklużi kriżijiet u kunflitti, u li biex tkun effikaċi tirrikjedi ċertu ammont ta' adattabilità, flessibilità u veloċità; jinsab, minkejja dan, imħasseb dwar ir-riżultati u l-impatt tal-kontrolli eżistenti u jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea ssaħħaħhom sabiex ittejjeb ir-riżultati u l-effikaċja tal-assistenza Ewropea implimentata minn partijiet terzi li minnha, matul is-sena fiskali 2012, EUR 796 miljun ingħataw bħala appoġġ baġitarju u EUR 1,4 biljun ingħataw lil organizzazzjonijiet internazzjonali; jitlob lill-Kummissjoni ttiprovdi aktar informazzjoni dwar il-ġesjtoni ta' dawn il-fondi f'pajjiżi u organizzazzjonijiet benefiċjarji;
3. Jilqa' t-titjib konsiderevoli li d-DĠ ELARG implimenta fir-rigward tal-kontrolli interni tiegħu li naqqas l-okkorrenza ta' żbalji meta mqabbel mal-2011; jilqa' wkoll il-progress li kisbu s-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija u d-DĠ ECHO;
4. Jappoġġa l-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni biex minn approċċ ibbażat fuq l-input tgħaddi għal wieħed orjentat lejn il-prestazzjoni u l-impatt, u jħeġġeġ l-adozzjoni ta' normi ta' riferiment speċifiċi, li jistgħu jitkejlu u jintlaħqu, li jkunu rilevanti u bi skeda ta' żmien għall-programmi kollha fl-Intestatura 4, bħalma tirrakkomanda l-Qorti tal-Awdituri; jesprimi t-tama tiegħu li dawn il-programmi ma jintlaqtux mill-istess nuqqasijiet bħal dawk awditjati fir-rapport ta' din is-sena;
5. Jinnota l-problemi identifikati mill-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tal-ġestjoni tal-konċessjonijiet soċjali u jħeġġeġ lill-Kummissjoni timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha; jilqa' l-passi li l-Kummissjoni ħadet s'issa u jħeġġiġha tħaffef il-proċess ta' tnedija u implimentazzjoni tal-programm il-ġdid tagħha biex issolvi dawn il-problemi;
6. Ifakkar fir-rakkomandazzjoni tiegħu li jintużaw mill-ġdid materjali użati f'missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali, f'missjonijiet oħra simili jew f'delegazzjonijiet tal-UE sabiex jitnaqqas l-impatt baġitarju tagħhom u jkun massimizzat l-użu tar-riżorsi baġitarji.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	11.2.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 42 -: 0 0: 5
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Sir Robert Atkins, Bastiaan Belder, Hiltrud Breyer, Elmar Brok, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Andrzej Grzyb, Takis Hadjigeorgiou, Richard Howitt, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Andrey Kovatchev, Paweł Robert Kowal, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Krzysztof Lisek, Sabine Lössing, Marusya Lyubcheva, Willy Meyer, Francisco José Millán Mon, María Muñiz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Ria Oomen-Ruijten, Justas Vincas Paleckis, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Paşcu, Tonino Picula, Bernd Posselt, Hans-Gert Pöttering, Cristian Dan Preda, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Werner Schulz, Sophocles Sophocleous, Laurence J.A.J. Stassen, Davor Ivo Stier, Charles Tannock, Eleni Theoharous, Geoffrey Van Orden, Sir Graham Watson, Boris Zala
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Kinga Gál, Doris Pack, Janusz Władysław Zemke
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Ivari Padar, Dubravka Šuica